**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 63**

**13 ta' Ġunju 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Il-Kunsilliera George Zammit u Jeanelle Attard infurmaw verbalment lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jaslu tard għal-laqgħa.

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**63.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

63.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 62 li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2017 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li fit-13 ta' Mejju 2017 hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda laqgħa mad-Direttur Adrian Mifsud fejn fost l-oħrajn ġew diskussi punti kif id-dipartiment jista' jkun ta' għajnuna għal-Kunsill biex itejjeb is-servizz tieghu lejn il-komunita'. Tqajjem il-punt rigward l-Inizjattiva Finanzjarja- Local Government Fund li ġiet sottomessa lid-dipartiment fejn il-Kunsill applikka għal attivita' kulturali Fior d'Argento. Punt ieħor diskuss kien il-fatt li l-Kunsill issa wasal fil-fażi finali tal-proġett tal-Kunsill il-ġdid u li huwa maħsub li jibda jopera ġo fih minn Novembru 2017.

63.3.2 Is-Sindku ħa l-opportunita' biex waqt li feraħ u awgura lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida, is-Sinjura Marion Attard, rringrazzja lil aġenti segretarji preċedenti; Rueben Cassar, Odette Camilleri u Ivan Attard.

63.3.3 Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel li ġadarba l-Kunsill għandu l-approvazzjoni mill-Awtorita' ta' l-Artijiet biex ikun jista' jimxi ghall-bini il-ġdid, il-Kunsill ghandu jkellem lid-designer is-Sur Paul Stellini biex jiddisinja kif ghandu jitqassam il-Kunsill. Minn fuq dan id-disinn imbaghad il-Kunsill ikun jista' jibda l-proċess fejn joħroġ tender għal-għamara ta' l-uffiċini.

63.3.4 Is-Sindku informa lil membri li l-kont tal-culvert kien ingħalaq kif ukoll dak ta' l-Urban Greening.

63.3.5 Is-Sindku ħa l-opportunita' biex irringrazzja lil Dr Anton Refalo għal ħidma tieghu fil-Ministeru t'Għawdex fil-leġislazzjoni preċedenti waqt li awgura l-ħidma t-tajba lil Ministru Justyne Caruana.

63.3.6 Is-Sindku informa lil membri tal-Kunsill li ser isir laqgħa ma' l-accountant tal-Kunsill fejn se jiġu diskussi proġetti li l-kunsill jista' jidħol ghalihom fil-futur qarib.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard dahlet ghal-laqgha fil-5.05pm

63.3.7 Is-Sindku informa lil Kunsill li rċivejna ċirkulari 13/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata ‘ Inizjattiva Finanjarja- *Local Government Community Innovation Fund CIF.’* Il-Kunsill innota l-kontenut ta’ din iċ-ċirkulari.

63.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna ċirkulari 14/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata ‘Ittra ta’ Riżenja minn ħatra ta’ Kunsillier’ fejn tispjega ċar il-passi meħtieġa meta Kunsillier jitfa’ r-riżenja tiegħu.

Il-Kunsillier George Zammit daħal għal-laqgħa fis-5.08pm.

63.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna ċirkulari numru 16/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata ‘L-Indikaturi tal-Qagħda Finanzjarjai’ fejn bazikament id-dipartiment qiegħed ifakkar lill-Kunsill Lokali li għandhom josservaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ bilanċ favoreli ta’ għaxra fil-mija. Din id-direttiva għaddejnieha lill-*accountant* tal-Kunsill għall-attenzjoni tiegħu.

63.3.10 Is-Sindku propona li nakkwistaw materjal għal safar minghand tlett tour leaders sabiex naraw il-possibilita’ li lKunsill jorganizza tour ghal din is-sena.

63.3.11 Is-Sindku nforma li t-tender ghal Fixed Asset Register kienet nqalgħet. Ħames kumpaniji tefgħu l-offerta tagħhom.

**63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.4.1 Il-Kunsillier Hubert Saliba qajjem il-punt tal-ħmieg tal-klieb fejn qed jissuġġerixxi li jsir park apposta għal-klieb biex b’hekk tkun tista’ titnaqqas il-problema kbira eżistenti ta’ ħmieġ ta’ l-annimali speċjalment fuq il-bankini qrib l-iskola primarja. Il-membri qablu li din hi problema mar-raħal kollhu u b’park wieħed ħa jkun diffiċli li teħles mill-problema imma ta’ l-inqas tista’ tittaffa’ xi ftit speċjalment jekk l-area biex isir dan il-park żgħir tkun qrib il-playing fields. Issemma’ ukoll il-possibilita’ ta CCTV peress li l-*green wardens* ma ħallewx ir-riżultat mistenni. Is-Sindku ssuġġerixxa li nkellmu lil LESA biex inkunu nistgħu naraw x’parks saru f’lokalitijiet f’Malta u napplikkaw il-mudell tagħhom ġaladarba dawn kienu suċċess għal-lokalitajiet oħrajn.

63.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard proponiet li bħas-snin preċedenti l-Kunsill għandu joffri l-korsijiet għal matul is-sajf bhal per eżempju korsijiet tal-kant, drama, tpingija,tafal u għal dawk fil-Kinder 1 u Kinder 2. Il-Kunsill qabel li għandhom jigu kkuntatjati l-għalliema li taw is-servizz ta’ għalliema fis-snin l-imgħoddija mill-aktar fis possibli sabiex ikun jista’ jinħareġ avviż immedjat u b’hekk il-kunsill ikompli jippromwovi it-tgħallim.

63.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerixxa li l-Belvedere f'tal-Barmil għandu jsir bil-madum waqt li jitwaqqa' l-ħajt u ssir bankina. L-istess kunsillier ilmenta dwar iżżammha ta' l-area tal-Barmil fejn qed jitħalla ħafna imbarazz fl-istess post imsemmi għal Belvedere żgħir u talba biex tittieħed azzjoni mmedjata. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan is-suġġeriment.

63.4.4 Il-Kunsilliera George Zammit staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward it-traffic management plan fi Triq il-Ħamrija qabel tinżel in-niżla ta' Triq Għajn Qatet. Is-Sindku wieġeb li din it-*traffic management plan* kien qed jieħu ħsiebha l-Perit Edward Scerri u għaldaqstant għandu jsir *follow-up* tagħha.

63.4.5 Il-Kunsillier Huebert Saliba ppropona li ssir lista ta' niċeċ li hemm madwar ir-raħal sabiex jekk toħrog xi skema ta' restawr ta' niċeċ il-Kunsill ikun jista' japplika taħtha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**63.5 Materji relatati mal-festa ta' San Ġwann Battista**

63.5.1 Il-Kunsill iddiskuta numru ta' materji relatati mal-festa titulari ta' San Ġwann Battista li ser tiġi iċċelebrata nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju 2017. Fosthom ġie suġġeriet li jsir mobile toilet qrib Triq Il-Ġibjun ghall-marċc tat-Tnejn filgħaxija sabiex jitnaqsu lmenti li jkun hemm ta' kull sena speċjalment mir-residenti ta' l-isqaqin. Is-Sindku nforma ukoll li tal-kiosks u tal-gabbani ghandhom iħallsu ammont addizzjonali mal-permess sabiex b'hekk il-kunsill ikopri l-ispejjes ghal-ġbir ta' skart.

63.5.2 Il-Kunsillier George Zammit issuġġerixxa li ladarba qed toqrob il-festa għandna naraw li l-fanali li għandna fit-toroq huma qeghdin jifunzjunaw ghax dawn jagħmlu ikrah jekk ikun hemm minnhom mitfigħin waqt il-festa li ta' kull sena tattira hafna nies.

63.5.3 Il-Kunsill qabel li għandu jingħata permess lis-sidien tal-gabbani li jbiegħu l-ġugarelli sabiex ikunu jistgħu jarmaw fi Triq il-Ġibjun nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017, fl-istess jum li jkun hemm il-marċ f'dawn l-inħawi.

63.5.4 Is-Sindku nforma li għal darb'oħra ħa jkollna fostna grupp ta' 15-il ruh minn Castelvenere ghal festa. Il-Kunsill qabel li apparti li nipprovdulhom it-transport mill-airport għax-Xewkija fejn sa jkunu joqogħdu u lura nilqagħhom fil-Kunsill tax-Xewkija sabiex anke nerggħu nagħtu spinta l-kuntatti li kellna ma' dan il-ġemelaġġ li jmorru lura sa mit- 2003.

63.5.5 Is-Sindku nforma lil Kunsill li ġie mitlub min-naha ta' l-Arcipriet sabiex il-pjanti li hemm fuq iz-zuntier jitnehhew issa li waslet il-festa. Kien hemm qbil sabiex dawn

jitpoġġew fil-bitħa ta' l-iskola primarja tax-Xewkija u wara li tgħaddi l-festa jerġgħu jitpoġġew lura f'posthom.

63.5.6 Il-Kunillier Hubert Saliba ssuġġerixxa li jsir tindif miż-żrar li hemm fit-toroq tal-purcissjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill. Barra minn hekk il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis sabiex jikkordina tajjeb fil-jiem tal-festa speċjalment it-toroq li jgħaddu l-marċi minnhom.

## 63.6 Diskussjoni dwar Gym Propost bil-kolaborazzjoni ma' l-iskola Primarja tax-Xewkija

63.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ħamis ta' Ġunju 2017 filghodu ser issir laqgha mal-madam ta' l-iskola primarja tax-Xewkija fejn għandu jiġi diskuss il-proġett propost dwar gym bil-kolaborazzjoini tal-Kunsill. Entitajiet ohra li ħa jikontribixxu i f'dan il-proġett jinkludi liż-żewġ bankek ewlenin, Eco Gozo, Ministeru ghal Ghawdex u anke il-Wasteserv. Huwa mahsub li dan il-gym fil-miftuh isir fil-ġnien wara l-iskola. Għandu jkun post ta' rikreazzjoni mhux biss ghat-tfal li jattendu l-iskola tal-lokalita' imma għat-tfal kollha tax-Xewkija bil-mottiv ewlieni li tiġi miġġielda l-obeżita'. Diġa' ġiet preparata sketch mill-Perit Shawn Micallef tal-proġett. Huwa maħsub li jintuża materjal riċiklat bhal per eżempju pallets fejn possibli. L-equipment għal gym se jinxtara fuq parir ta' l-għalliema tal-PE biex żgur ikun adatttat ghat-tfal mill-Kinder sal-Year 6. Applikazzjoni mal-MEPA tkun trid isir sabiex jinfetaħ l-aċċess ghat-toilets li jinsabu fil-kuridur ta' l-iskola. Dawn it-toilets iridu jkunu ukoll aċċessibli minn persuni b'diżabilita.'

## 63.7 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-pagamenti

63.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsilliera preżenti.

## 63.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

63.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 18 ta' Lulju 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Xewkija** **Skeda Nru. 20-61**

## Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **17/05/2017 sa 13/06/2017**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Xewkija Tigers FC | €923.16 | €923.16 | T | PF | Street Cleaning May 2017 | 16.05.2017 | 3051 | | | | 12603 |
| 2 | CANCELLED | | | | | | | | | | | 12604/12605 |
| 3 | Simon Sultana | €1,062.00 | €1,062.00 | D | PF | Land Garden Debris | 21-05-17 | 553 | | | | 12606 |
| 4 | Hilite | €43.20 | €43.20 | D | PF | Materjal | 30-05-17 | 9272 | | | | 12607 |
| 5 | Hilite | €143.34 | €143.34 | D | PF | Materjal | 08-06-17 | 9359 | | | | 12608 |
| 6 | Hilite | €65.45 | €65.45 | D | PF | Materjal | 13-06-17 | 9372 | | | | 12609 |
| 7 | Hilite | €6.00 | €6.00 | D | PF | Materjal | 08-06-17 | 9358 | | | | 12610 |
| 8 | Jacqueline Refalo | €85.00 | €85.00 | D | PF | Tidif Mejju 2017 | 13-06-17 | 3974 | | | | 12611 |
| 9 | St John Foodstore | €70.30 | €70.30 | D | PF | Cleaning material Coffee etc | 31-05-17 | 160 | | | | 12612 |
| 10 | Pastizzeria Aguis | €277.30 | €277.30 | D | PF | Prinjolata Carnival | 26-02-17 | 12032 | | | | 12613 |
| 11 | Tool Mart | €14.85 | €14.85 | D | PF | Materjal | 23-05-17 | 13698 | | | | 12614 |
| 12 | Maria Homoki | €30.00 | €30.00 | D | PF | Mascot | 27-02-17 | 268 | | | | 12615 |
| 13 | Galea Curmi Eng Cons Ltd | €88.40 | €88.40 | D | PF | Contract Mang May 2017 | 31-05-17 | 5628 | | | | 12616 |
| 14 | Go Plc | €42.79 | €42.79 | D | PF | Rent on the Move | 03-06-17 | 54507567 | | | | 12617 |
| 15 | Gozo College Middle School | €18.85 | €18.85 | D | PF | Share of transport service for school children | 22-12-16 | 1328 | | | | 12618 |
| 16 | Island Tech | €206.20 | €206.20 | D | PF | Stationery | 25-05-17 | 11952 | | | | 12619 |
| 17 | Joseph Grima | €330.00 | €330.00 | D | PF | Updating website & Facebbok up to 31-5-2017 | 31-05-17 | 28 | | | | 12620 |
| 18 | KIP | €719.03 | €719.03 | T | PF | Organic waste Extra Collection | 31-05-17 | 23171 | | | | 12621 |
| 19 | KIP | €2,636.66 | €2,636.66 | T | PF | Refuse Collection | 31-05-17 | 23170 | | | | 12622 |
| 20 | Monica Mercieca | €462.84 | €462.84 | D | PF | Librarian sevices May 2017 | 15-06-17 | May | | | | 12623 |
| 21 | Monica Mercieca | €48.30 | €48.30 | D | PF | Arears Libratian | 15-06-17 | | | | | 12624 |
| | **Sub Total b/f** | **€7,273.67** | **€7,273.67** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,273.67** | **€7,273.67** | | | | | | | | | |

**IFFIRMATA**

Paul Azzopardi
Sindku

**IFFIRMATA**

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 63**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**IFFIRMATA**

Domenic Zerafa
Viċi-Sindku

**IFFIRMATA**

Jeanelle Attard
Kunsilliera

**Kunsill Lokali: Xewkija** **Skeda Nru. 20-61**

## Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **17/05/2017 sa 13/06/2017**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Mario Mallia | €191.29 | €191.29 | D | PF | Paint | 09-06-17 | 819 | | | | 12625 |
| 23 | Teddie Mizzi | €620.00 | €620.00 | D | PF | Stage for Jum X Xewkija | 04-01-17 | 140.17 | | | | 12626 |
| 24 | Teddie Mizzi | €860.00 | €860.00 | D | PF | Set of Lights | 30-03-17 | 142.17 | | | | 12627 |
| 25 | Teddie Mizzi | €100.00 | €100.00 | D | PF | Ghaqda Dilettanti Tan Nar | 01-05-17 | | | | | 12628 |
| 26 | Radu Cheorghe | €991.20 | €991.20 | D | PF | Fitness Class | 24-05-17 | 55 | | | | 12629 |
| 27 | Radu Cheorghe | €495.60 | €495.60 | D | PF | Fitness Class | 24-05-17 | 54 | | | | 12630 |
| 28 | Radu Cheorghe | €495.60 | €495.60 | D | PF | Fitness Class | 24-05-17 | 53 | | | | 12631 |
| 29 | CANCELLED | | | | | | | | | | | 12632 |
| 30 | Strand Electronics | €36.58 | €36.58 | D | PF | Leasing Charges | 27-02-17 | 362412 | | | | 12633 |
| 31 | Arms Ltd | €106.32 | €106.32 | D | PF | Kont Playing Field Xewkija | 20-05-17 | 23683571 | | | | 12634 |
| 32 | Arms Ltd | €158.23 | €158.23 | D | PF | Kont Playing Field Xewkija | 07-06-17 | 23990913 | | | | 12635 |
| 33 | Kumitat Centru Anzjani | €1,518.00 | €1,518.00 | D | PF | Kontribut Tmexxija | 06-06-17 | 011/17 | | | | 12636 |
| 34 | Mario Camilleri | €450.17 | €450.17 | D | PF | Yellow Shirts with full Colour prints | 26-10-16 | 19/2016 | | | | 12637 |
| 35 | Maltapost | €39.00 | €39.00 | D | PF | Stamps | 16-06-17 | 122S | | | | 12638 |
| 36 | St John Supermarket | €40.43 | €40.43 | D | PF | Toiletries &General Expenses | 15-06-17 | 9 | | | | 12639 |
| 37 | Tool Mart | €41.65 | €41.65 | D | PF | Materjal | 15-06-17 | 13840 | | | | 12640 |
| 38 | Tool Mart | €18.55 | €18.55 | D | PF | Materjal | 13-09-17 | 13835 | | | | 12641 |
| 39 | Department of Information | €9.62 | €9.62 | D | PF | Advert- Tiġrija taż-Żwiemel | 15-06-17 | 39649 | | | | 12642 |
| 40 | CANCELLED | | | | | | | | | | | 12643 |
| 39 | Ghaqda Dilettanti tan-Nar | €250.00 | €250.00 | D | PF | Insurance tan-nar Festa San Ġwann | 30-05-17 | 5297431 | | | | 12644 |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€6,422.24** | **€6,422.24** |
| **Sub Total b/f** | **€7,273.67** | **€7,273.67** |
| **Total** | **€13,695.91** | **€13,695.91** |

**Approvati fis-Seduta Nru: 63**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**IFFIRMATA**

Paul Azzopardi
Sindku

**IFFIRMATA**

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Domenic Zerafa
Viċi-Simdku

**IFFIRMATA**

Jeanelle Attard
Kunsilliera